



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Affarijiet Barranin*

**2011/0199(COD)**

18.11.2011

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li  
jemenda r-Regolament (KE) Nru 1931/2006 rigward l-inklużjoni taż-żona ta'  
Kaliningrad u ta' ċerti distretti amministrattivi Pollakki fiż-żona eliġibbli tal-  
fruntiera

(COM(2011)0461 – C7-0213/2011 – 2011/0199(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Krzysztof Lisek

PA\_Legapp

## ĠUSTIFIKAZZJONI FIL-QOSOR

Il-kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u r-Russja jixraqilha attenzjoni partikolari fir-rigward tal-applikazzjoni ta' strumenti differenti relatati mal-moviment tal-persuni. Din hija tema kumplessa partikolarment fil-każ tal-Oblast ta' Kaliningrad. Din iż-żona b'sit speċifiku, ċirkondata għalkollox bl-Istati Membri tal-UE, hi importanti ħafna kemm għall-kooperazzjoni tal-Baħar Baltiku fid-dimensjonijiet politiċi, ekonomiċi, ambjentali u kulturali tagħha kif ukoll għar-relazzjoni ta' ġirien tajba ta' dawk li jgħixu f'din iż-żona. Diġà instabet soluzzjoni waħda għal dan il-għan – fl-2003 ir-Regolament tal-Kunsill Nru 693/2003 ġie adottat u ħejja t-triq għall-ħruġ tad-Dokument dwar it-Transitu Faċilitat (FTD) u tad-Dokument dwar it-Transitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD).

It-tfittxija għall-istrumenti konkreti li jippermettu r-relazzjonijiet tal-ġirien tajba bejn l-UE u r-Russja taw lok lill-Kummissjoni biex tipproponi l-emenda tar-regoli tat-Traffiku Lokali tal-Fruntiera (LBT) kif stipulati fir-Regolament Nru 1931/2006. Fid-dawl tas-suġġeriment preċedenti mill-Polonja, il-Kummissjoni ssuġġeriet tkabbir tal-kamp ta' kopertura tal-LBT għat-territorju kollu tal-Oblast ta' Kaliningrad u ż-żona korrispondenti man-naħa Pollakka. Din id-deċiżjoni hija tajba mhux biss mill-perspettiva tas-sigurtà taż-żona Schengen iżda tagħti wkoll attenzjoni partikolari lid-direzzjoni meħuda permezz tal-kooperazzjoni tal-PEV mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. Għal dan il-għan jixraqilha l-appoġġ kollu bħala għodda li tippermetti li tiġi evitata d-diviżjoni artifiċjali tal-Oblast ta' Kaliningrad f'territorji koperti u territorji mhux koperti permezz tar-Regolament LBT attwali (sa 30 kilometru u f'xi każijiet speċifiċi sa 50 kilometru 'il ġewwa mix-xatt). Il-proposta għal emenda tar-Regolament Nru 1931/2006 hija essenzjali wkoll mill-perspettiva tal-kooperazzjoni transkonfinali żviluppata fil-qafas tal-Politika Ewropea tal-Viċinat.

It-titjib tal-kundizzjonijiet tal-fluss transkonfinali tal-persuni jixraqilu l-appoġġ f'isem l-istituzzjonijiet tal-UE. Dan jissupplimenta iżda qatt ma jissostitwixxi l-moviment tal-viżi – għal dan il-għan tajjeb li nqisu r-rinegozjar tal-Ftehim għall-Faċilitazzjoni tal-Viżi kif ukoll it-tnejn għat-tnedija tad-Djalogu tal-Viżi bejn l-UE u r-Russja. B'riżultat ta' dan, l-emenda għar-Regolament Nru 1931/2006 għandha tgħin sabiex jitjiebu r-relazzjonijiet tal-ġirien bejn l-UE u r-Russja li l-Parlament iqis bħala opportunità tajba li tintuża.

\*\*\*\*\*

Il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi li l-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari billi jinkorpora l-proposta tal-Kummissjoni.

## PROĊEDURA

|   |   |
|---|---|
| <b>Titolu</b>   | Emenda tar-Regolament (KE) Nru 1931/2006 rigward l-inklużjoni taż-żona ta' Kaliningrad u ta' ċerti distretti amministrattivi Pollakki fiż-żona eliġibbli tal-fruntiera  |
| <b>Referenzi</b>  | COM(2011)0461 – C7-0213/2011 – 2011/0199(COD)   |
| <b>Kumitat responsabbli</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja                   | LIBE<br>13.9.2011   |
| <b>Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni</b><br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | AFET<br>13.9.2011   |
| <b>Rapporteur(s)</b><br>Data tal-ħatra  | Krzysztof Lisek<br>5.10.2011  |
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 17.11.2011  |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>   | + :           53<br>- :           2<br>0 :           2  |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>  | Gabriele Albertini, Pino Arlacchi, Bastiaan Belder, Elmar Brok, Arnaud Danjean, Mário David, Michael Gahler, Ana Gomes, Takis Hadjigeorgiou, Anna Ibrisagic, Othmar Karas, Ioannis Kasoulides, Nicole Kiil-Nielsen, Maria Eleni Koppa, Andrey Kovatchev, Eduard Kukan, Alexander Graf Lambsdorff, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Mario Mauro, Kyriakos Mavronikolas, Francisco José Millán Mon, Alexander Mirsky, María Muñoz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Fiorello Provera, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Jacek Saryusz-Wolski, Werner Schulz, Marek Siwiec, Hannes Swoboda, Kristian Vigenin |
| <b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>                                   | Charalampos Angourakis, Véronique De Keyser, Andrew Duff, Göran Färm, Hélène Flautre, Roberto Gualtieri, Doris Pack, Helmut Scholz, György Schöpflin, Alf Svensson, Traian Ungureanu, Ivo Vajgl   |
| <b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>         | Marije Cornelissen, Rui Tavares, Ramon Tremosa i Balcells   |